# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 18 t'April 2016**

**Rikors Numru : 80/2016 JPG**

**Kawza Numru : 10**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

1. **VG Shutter and Concrete Works Limited (C21877)**
2. **Victor u Maria Rosaria mizzewga Gauci (K.I. numri 461568(M) u 62168(M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. tad-29 ta' Jannar 2015 li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' tlett kuntratti, wiehed minnhom datat 20 ta' Frar 1998 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, (Dok. "A") iehor datat 18 t'April 2005 maghmul fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (Dok. "B") u l-iehor datat 27 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Vella (Dok. "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited fis-somma ta' tlett mija u disat elei disa' mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€309,992.65) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft*

*Accounts" tas-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. [Dok."D", Dok. "E", Dok. "F", Dok. "G1. sa G3", Dok. "H") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta'Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi permezz ta' tlett kuntratti, wiehed minnhom datat 20 ta' Frar 1998 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, (Dok. "A") iehor datat 18 t'April 2005 maghmul fl-atti tan-Nutar Robert  John Muscat (Dok. "B") u l-iehor datat 27 ta'Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Vella (Dok. "C") u permezz ta' hames skritturi privati, datati 13 ta'Jannar 2005 (Dok. "I") 4 ta' Ottubru 2005 (Dok. "J'), 5 ta' Ottubru 2005 (Dok. "K"), 17 ta' Frar 2005 (Dok. "L") u  8 t'Awwissu 2007 (Dok. "M") il-konvenuti Victor u Maria Rosaria mizzewgin Gauci iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta'l-istess VG Shutter and Concrete Works Limited, mal-Bank of Valetta a p.l.c.*

4. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B","C","I","J","K","L" u "M") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited u Victor Maria Rosaria mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited u Victor u Maria Rosaria mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socj eta' attrici.*

5. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewgt ittri ufficjali datati 10 ta' Ottubru 2013 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "N" u Dok. "O", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi,izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti joghgobha :*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija [u hawn ezebiti bhala Dokument" A", "B", "C", "I", "J", "K", "L" u "M") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited u Victor u Maria Rosaria mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi private sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess VG Shutter and Concrete Works Limited u Victor u Maria Rosaria mizzewgin Gauci, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited u Victor u Maria Rosaria mizzewgin Gauci ihallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u disat elef, disa' mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€309,992.65) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."D" , Dok. "E", Dok. "F", Dok. "G1 sa G3", Dok. "H") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta'Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 10 ta' Ottubru 2013 kontra l konvenuti li huma igunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. [Dok "N" u "0"]".*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota t'ammissjoni tal-intimati kollha tad-9 ta' Frar 2013 (a fol. 56);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat l-atti u l-provi prodotii in atti, minn fejn jirrizulta illi s-socjeta ntimata kienet moruza fil-pagamenti dovuti lis-socjeta rikorrenti. In vista tan-nota ta' ammissjoni prezentata mill-intimati kollha fid-9 ta' Frar 2016, li tinsab ezebita a fol 56, permezz ta' liema l-intimati kollha ammettew it-talbiet hekk kif dedotti kontra taghhom, il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma fondati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lill-intimati kollha sabiex ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlett mija u disghat elef, disa' mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€309,992.65) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' VG Shutter and Concrete Works Limited mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**